# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 23 ta' Frar, 2024.

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 129/2022 ISB**

**Erremme Business Advisors Ltd C 30153**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjetà **Erremme Business Advisors Ltd**, intavolat fl-20 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:-

1. *Torda lir-Registratur tal-kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga' jdahhal l-isem tas-socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd' – C 37825 fir-registru tal-kumpaniji, b'dan li l-istess socjeta' titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivament ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpaniji.*

3. *Jekk ikun mehtieg, taghti dawk id-direzjonijiet u dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni sabiex is-socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd' – C 37825 titqieghed fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-istess socjeta' ma jkunx thassar minn fuq ir-registru.*

U dan wara li ppermettiet:

*ILLI r-Registratur intimat hareg avviz li permezz tieghu avvza li ai termini tal-Artikolu 325(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, l-isem tas-socjeta' 'All Seasons Holidays Limited' bin-numru ta' registrazzjoni C 37825 thassar minn fuq ir-registru fit-2 ta' Lulju, 2020 meta l-imsemmija socjeta' giet "struck off as defunct", (vide kopja mill-estratt mill-website tar-registru tal-kumpaniji hawn anness bhala Dok 'A');*

*ILLI s-socjeta' rokorrenti hija kreditrici tal-imsemmija socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd – C 37825 fis-somma ta' sbatax -il elf tmien mija erba' u sittin Euro, tlieta u sittin centezmu (€17,864.63) oltre` l-imghax legali mid-9 ta' Gunju, 2020 'il quddiem sad-data tal-pagament effettiv u dan kif jirizulta mis-sentenza (vide kopja tas-sentenza annessa u mmarkata bhala Dok 'B') fl-ismijiet: "Erremme Business Advisors Ltd – C 30153 vs 'All Seasons Holidays Ltd – C 37825" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali nhar id-9 ta' Gunju, 2020 (Rikors Guramentat Nru: 40/2013 BS), liema sentenza ma gietx appellata u ghalhekk tikkostitwixxi res judicata fil-konfront tas-socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd;*

*ILLI s-sentenza de quo, inter alia tikkontempla s-segwenti:*

*"Tilqa' t-tielet talba u tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax -il elf tmien mija erbgha u sittin Euro u tlieta u sittin centezmu (€17,864.63) bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza."*

*……*

*"Tordna li l-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta."*

*liema spejjez jirizultaw mit-taxxa formali relattiva (kopja taghha hija hawn annessa bhala Dok 'C');*

*ILLI is-socjeta' rikorrenti ghandha kull interess li tigbor is-sorte flimkien mal-ispejjez minghand is-socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd' – C 37825;*

*ILLI bhala fatt, is-socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd' – C 37825 giet 'struck of as Defunct' mit-2 ta' Lulju, 2020 'il quddiem, kwazi xahar wara li nghatat is-sentenza de quo liema perjodu serva sabiex ikun verifikat o meno, jekk kienx ser ikun intavolat appell mis-socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd – C 37825;*

*ILLI ghalhekk is-socjeta' rikorrenti hija Kreditrici li tinsab ippregudikata u aggravata ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-fatt li l-isem tas-socjeta' in kwistjoni 'All Seasons Holidays Ltd' – C 37825, gie mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpaniji u kwindi, fl-umli opinjoni tas-socjeta' rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-imsemmija socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd' – C 37825 ghandu jerga' jidhol fir-registru tal-kumpaniji, sabiex it-titolu ezekuttiv fuq imsemmi inkluz l-ispejjez li s-socjeta' rikorrenti ghandha favur taghha fil-konfront tas-socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd' – C 37825, ikun jista' jigi ezegwit fil-konfront tal-istess socjeta' 'All Seasons Holiday Ltd' – C 37825;*

*ILLI ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ghadu ma ddekorriex il-perjodu ta' hames (5) snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir tal-isem tas-socjeta' 'All Seasons Holidays Ltd' – C 37825 minn fuq ir-registru tal-kumpaniji.*

Rat **id-dokument** ippreżentat mar-rikors (fol 4 sa fol 15).

Rat **id-digriet** tagħha tat-2 ta' Jannar 2023, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-22 ta' Frar 2023 fil-11:15 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien notifikat fit-3 ta' Frar 2023 (ara tergo ta' fol 17).

Rat illi fil-21 ta' Frar 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 20) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija surreferita fir-rikors promotur, u ċjoè All Seasons Holidays Limited (C 37825), kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-13 ta' Jannar, 2006;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru l-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, l-aħħar kont annwali illi ġie sottomess kien għas-sena 2011, filwaqt li l-aħħar prospett annwali kien dak tas-sena 2012;*
>
> *Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew temxxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lid-diretturi tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm-il darba ma tinweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*
>
> *Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa Hotel Xlendi Resort & Spa, St. Simon Street, Xlendi Bay, Munxar Gozo u kif ukoll lid-diretturi tagħha u ċjoè Charmaine Vella fl-indirizz Marvic, Triq San Xmun, Xlendi, Munxar, Gozo, u Mary Rose Vella, fl-indirizz Hotel Xlendi Resort & Spa, St. Simon Street, Xlendi, Gozo datati l-25 ta' Frar 2020;*
>
> *Illi t-tieni avviz ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija u kif ukoll lid-diretturi tagħha fuq l-istess indirizzi nhar it-2 t'April 2020;*
>
> *Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*
>
> *Illi fit-2 t'April 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta u fuq website miżmuma mill-esponenti fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-*

*Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat illi ma saret ebda oġġezzjoni għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan'*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqa' qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-2 ta' Lulju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblkazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti qegħda tibbaża t-talba tagħha sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartiklu 4 tal-artiklu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartiklu 6 tal-istess artiklu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-reponsabbiltà tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kienx qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur japprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, din l-Onorabbli Qorti m'għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerħa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċiment għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur jixtieq umilment jissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal-lum, il-kreditur jagħżel li jagħel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha l-ebda assi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk l-isem tal-kumpanija għanadu jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur jixtieq umilment jissoleva illi jekk dina l-Onorabbli qorti tħoss illi huwa xieraq illi l-isem tal-kumpanija de quo jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru fis-sentenza tagħha dina l-Qorti għandha tiddetermina terminu ta' żmien speċifiku sabiex ir-rikorrenti tieħu*

*ħsieb tenforza d-drittijiet vantati minnha vis-a-vis il-kumpanija suġġetta ta' dawn il-proċeduri;*

*Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed umilment jissolleva li huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma jispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023 deher l-Avukat Dr Michael Tanti Dougall għas-soċjetà rikorrenti u dehret l-Avukat Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur intimata.

Rat illi s-soċjetà rikorrenti permezz ta' nota intavolata fis-7 ta' Marzu 2023 (fol 25) ippreżentat affidavit ta' **Reuben Buttigieg** (fol 26).

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2023, id-difensur tas-soċjetà rikorrenti ddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023, id-difensur tar-Reġistratur intimat iddikjarat li m'għandiex provi x'tipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2023, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjetà rikorrenti *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, is-soċjetà rikorrenti tgħid illi b'effett mit-2 ta' Lulju 2020, l-isem tas-soċjetà All Seasons Holidays Limited (C 37825) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tas-socjetà msemmija All Seasons Holidays Limited (C 37825), fl-ammonti kif indikati fir-rikors promotur, liema kreditu ġie kanonizzat permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet **Erremme Business Advisors Ltd – C 30153 vs All Seasons Holiday Ltd – C 37825** deċiża fid-9 ta' Ġunju 2020, minn liema deċiżjoni ma ġie ntavolat l-ebda appell. Tgħid li għalhekk it-tħassir tal-kumpanija tippreġudika

serjament lis-soċjetà rikorrenti milli tiġbor il-flus lilha dovuti mis-soċjetà *de quo.*

Huwa allura għalhekk illi s-soċjetà rikorrenti ressqet dawn il-proċeduri sabiex is-soċjetà All Seasons Holidays Limited (C 37825) terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi s-soċjetà rikorrenti tieħu l-miżuri kollha lilha spettanti biex tissodisfa l-kreditu tagħha.

Fl-affidavit tiegħu **Reuben Buttigieg** jgħid li hu direttur tas-soċjetà rikorrenti. Jispjega li s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjetà All Seasons Holidays Limited (C 37825) għas-somma ta' sbatax-il elf, tmien mija u sittin Ewro (€17,860) u dan kif ġie kkonfermat b'sentenza tal-Qorti deċiża fid-9 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet Erremme Busines Advisors Limited – C 30154 v All Seasons Holidays Limited – C 37825 fejn il-kumpanija *de quo* ġiet iddikjarata debitriċi tas-soċjetà rikorrenti u liema ammont jinkludi wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet relatati mal-kawża li ġiet ukoll ikkundannata tħallas. Jispjega li mill-imsemmija sentenza ma ġie intavolat l-ebda appell.

Jispjega li meta s-soċjetà rikorrenti ġiet sabiex tenforza l-imsemmija sentenza skopriet li l-kumpanija *de quo* kienet tneħħiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji fit-2 ta' Lulju 2020. Jgħid li peress li l-kreditu in kwistjoni għadu sal-lum ma tħallasx, il-kumpanija rikorrenti għamlet din il-kawża.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-**intimata Reġistratur** issostni illi kellha kull raġuni valida fil-liġi biex tikkanċella l-kumpannija u għaddiet mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment tħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skont il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Reġistratur intimata tirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandhiex tispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-*

> *saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija All Seasons Holidays Limited (C 37825) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi s-soċjetà rikorrenti għandha kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpanija mneħħija minn fuq ir-Reġistru All Seasons Holidays Limited (C 37825) u tinnota wkoll li l-istess soċjetà rikorrenti tixtieq tagħmel l-almu tagħha sabiex tirkupra l-istess kreditu, anke jekk il-Qorti tinnota illi dawn il-proċeduri ġew istitwiti aktar minn sentejn wara illi l-kumpanija *de quo* tneħħiet minn fuq ir-Reġistru.

Illi filwaqt illi l-intimat Reġistratur għandu raġun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-reġistru *ai termini* tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissussistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'danakollu kull każ storja u fil-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti indikat b'mod ċar li għad għandha kreditu sostanzjali fil-konfront tal-istess kumpanija.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpanija All Seasons Holidays Limited (C 37825) minn fuq ir-Reġistru, però fl-istess waqt is-soċjetà rikorrenti għandha interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex hija titlob b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpanija msemmija lura fuq ir-Reġistru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mis-soċjetà rikorrenti, però una volta illi ser jingħata din l-opportunità li l-kumpanija All Seasons Holidays Limited (C 37825) terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunità oħra jekk is-soċjetà rikorrenti tfalli mid-dmirijiet u l-obbligi tagħha biex teżerċita d-drittijiet tagħha fil-konfront ta' din il-kumpanija.

Is-soċjetà rikorrenti għandha tkun ben konxja ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'posizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-soċjetà All Seasons Holidays Limited (C 37825) lura fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, terġa' ddaħħal l-isem ta' **All Seasons Holidays Limited (C 37825)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex twettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **All Seasons Holidays Limited (C 37825)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji għall-perjodu ta' sentejn (2) snin, b'dan illi s-soċjetà rikorrenti hija mistennija illi tinizjala, issegwi u tiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex tikseb u tenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjetà msemmija fiż-żmien hawnhekk konċess.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi tista' tinkorri r-Reġistratur intimata sabiex tirrestitwixxi isem il-kumpanija **All Seasons Holidays Limited (C 37825)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji u konsegwentement jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**